MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 769/2004

**Vincent Curmi in rappreżentanza ta' l-assi ereditarju tal-mejjet Markiż John Scicluna**

***Versus***

**Dennis u Helen konjuġi Degiorgio; u b'dikriet tat-30 ta' Ġunju 2006 il-kawża tkompliet f'isem Victoria Wetz, Theresa Bonnici, Lucienne Gatt, Denise Degiorgio u Helen Asciaq aħwa Degiorgio minflok Dennis Degiorgio li miet waqt li kienet miexja l-kawża**

Din is-sentenza hija dwar eċċezzjoni illi tgħid illi wirt ma jistax joqgħod f'kawża għax ma għandux personalità ġuridika.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi b'kuntratt tat-8 ta' Marzu 1976 fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat, Joseph, Patrick, Mignon Marshall u Corinne Ramsay aħwa Scicluna kienu taw [lill-konvenuti] b'ċens għal sbatax-il sena, li setgħu jiġġeddu

għal sbatax-il sena oħra, l-appartament numru erbgħa (4) fil-korp numru tlieta (3) jismu *Balluta Buildings*, Triq Sant Injazju, San Ġiljan. Wara li għaddew l-ewwel sbatax-il sena mit-8 ta' Marzu 1976, ma sar xejn biex iċ-ċens jiġġedded għal sbatax-il sena oħra, u ċ-ċens għalhekk intemm *ipso facto*.

Id-direttarji kellhom il-proprjetà b'titolu ta' donazzjoni mingħand missierhom John Scicluna, illum mejjet. Id-donazzjoni kienet soġġetta għal kondizzjoni reżoluttiva favur il-werrieta futuri tad-donant jekk id-donatarji jmutu mingħajr ulied. Fl-14 ta' Frar 1970 miet John Scicluna u ħalla warajh lill-erba' wliedu – l-erba' direttarji msemmija fuq. Il-wirt tiegħu għadda skond testment sigriet li ġie pubblikat min-Nutar Francis Micallef fl-24 ta' Frar 1970.

Fit-30 ta' Marzu 1977 miet Patrick Scicluna mingħajr ulied, u fis-6 ta' Ġunju 1996 miet Joseph Scicluna, ukoll mingħajr ulied. Għalhekk il-proprjetà ta' l-ishma ta' Patrick u Joseph Scicluna reġgħet lura fil-wirt ta' John Scicluna ħielsa minn kull piż jew servitù, u kull titolu ta' ċens maħluq bil-kuntratt fuq imsemmi tat-8 ta' Marzu 1976, jekk ma ntemmx *ipso facto* meta għaddew l-ewwel sbatax-il sena mit-8 ta' Marzu 1976, intemm meta seħħet ir-riversjoni fuq imsemmija.

Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuti biex "jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom", l-attur, f'isem l-assi tal-wirt, fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi, ladarba ma sar xejn sabiex jiġġedded iċ-ċens ta' sbatax-il sena fuq il-fond 3/4, *Balluta Buildings*, Triq Sant Injazju, San Ġiljan, maħluq mill-aħwa Scicluna bil-kuntratt tat-8 ta' Marzu 1976 fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat, iċ-ċens intemm *ipso facto* malli għaddew sbatax-il sena mit-8 ta' Marzu 1976;
2. tgħid, bla ħsara għall-ewwel talba, illi mal-mewt ta' Patrick Scicluna u ta' Joseph Scicluna, sehemhom mill-proprjetà fuq imsemmija marret lura, ħielsa minn kull piż, xkiel jew servitù, lill-wirt ta' John Scicluna, u għalhekk iċ-ċens fuq imsemmi ntemm meta seħħet il-kondizzjoni riżoluttiva;
3. tgħid għalhekk illi l-konvenuti ma għandhomx titolu ta' enfitewsi, jew xi titolu ieħor li jiswa fil-liġi biex ikomplu jżommu l-fond; u

4. tordna lill-konvenuti sabiex jiżgombraw mill-fond fi żmien qasir u perentorju li jingħatalhom mill-qorti.

Talab ukoll l-ispejjeż.

Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi ċ-ċitazzjoni ma tiswiex għax l-assi ereditarju tal-mejjet John Scicluna ma għandux personalità ġuridika u għalhekk ma jistax jidher bħala attur f'kawża; huma biss il-werrieta, u mhux il-wirt innifsu, li jistgħu jiftħu kawża.

Il-fatti relevanti għal din il-kawża seħħew hekk:

B'żewġ kuntratti, it-tnejn ta' l-4 ta' Marzu 1948 fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri, John Scicluna kien ta lil Albert Patrick Scicluna u lil Joe Scicluna b'titolu ta' donazzjoni sehem wieħed minn erbgħa (¼) kull wieħed in-nuda proprjetà ta' diversi fondi, fosthom dak li dwaru saret il-kawża, bil-patt, fost oħrajn, illi:

Id-donanti jżomm a favur tiegħu u tal-werrieta tiegħu il-patt reversiv tal-beni donati fil-każ tal-mewt tad-donatarju mingħajr tfal fi kwalunkwe żmien, kif ukoll iżomm a favur tiegħu l-patt reversiv [kemm] fil-każ li jmut qablu d-donatarju biss [u] kemm fil-każ li jmutu qablu d-donatarju u d-dixxendenti tiegħu.

John Scicluna miet fl-14 ta' Frar 1970 u l-wirt tiegħu huwa regolat b'testment sigriet li kien pubblikat fl-24 ta' Frar 1970 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef. Fl-ewwel artikolu ħassar kull testment li għamel qabel, fit-tieni artikolu ħatar lill-erba' wliedu Joseph, Patrick, Corinne u Maria Angela *sive* Mignonne aħwa Scicluna użufruttwarji, fit-tielet artikolu ħeles lill-użufruttwarji mill-obbligu li jagħmlu inventarju u li jagħtu garanzija, fir-raba' artikolu ħatar amministratur tal-proprjetà taħt użufrutt, u fil-ħames u s-sitt artikoli iddispona hekk:

Article Fifth.

I appoint heirs such of the children and descendants of my children in stripes who shall be alive at the time of death of their respective parent and usufructuary under this will. During the minority or in case of incapacity of any of the said heirs their share shall be administered by the same person appointed as administrator of the usufruct under article four hereof.

Article Sixth.

In case any of the heirs die before they have attained their majority their share shall devolve in favour of the other

heirs in stripes;  for the purpose of this provision each one of my children shall be deemed to be the head of the line of their descendants respectively and in the case of this succession, the heirs belonging to the same line as the deceased shall exclude those of other lines.

B'kuntratt tat-8 ta' Marzu 1976 fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat l-użufruttwarji u donatarji taw il-fond li dwaru saret il-kawża lill-konvenuti b'ċens għal sbatax-il sena, li jiġġeddu għal sbatax-il sena oħra.

Fil-kawża tallum l-attur, li huwa l-wirt ta' John Scicluna, qiegħed ifittex li jieħu lura l-fond mogħti b'ċens kemm għax qed igħid illi ż-żmien taċ-ċens għalaq u kemm għax qed igħid ukoll illi, wara li seħħet il-kondizzjoni riżoluttiva tal-mewt ta' tnejn mid-donatarji mingħajr ulied, id-donazzjoni nħallet u għalhekk il-proprjetà marret lura għand id-donant.

Il-konvenuti, iżda, qegħdin igħidu illi ċ-ċitazzjoni saret ħażin, u ma tiswiex, għax l-assi ereditarju ma għandux leġittimazzjoni attiva billi ma għandux personalità ġuridika.

Il-kwistjoni, fil-fehma tal-qorti, ma hijiex jekk wirt battâl għandux leġittimazzjoni, attiva jew passiva, biex iħarrek jew biex ikun imħarrek.  Li tassew għandha dik il-leġittimazzjoni jidher mill-kliem ta' l-art. 929 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid illi jistgħu jinħatru kuraturi "biex jidhru u jiddefendu fil-qrati … … … fl-interess … … … ta' persuni inċerti li jistgħu jiġu msejħa … … … għal *wirt battâl li ħadd ma jidher għalih skond il-liġi* … … …"   *A contrario sensu*, ma humiex meħtieġa kuraturi għal wirt battâl li jidher xi ħadd għalih skond il-liġi, li jfisser illi dak il-wirt jista' jħarrek jew ikun imħarrek fil-persuna ta' min ikun jidher għalih.

Il-kwistjoni għalhekk hija jekk min qed jidher f'isem il-wirt għandux tassew is-setgħa li jidher f'dik il-kapaċità.

L-atturi qegħdin igħidu illi l-wirt qiegħed jidher għalih Vincent Curmi bħala eżekutur testamentarju maħtur bit-testment ta' John Scicluna.  Vincent Curmi iżda, bħala "*chief employee in charge of Sciclunas Estates*", ma nħatarx eżekutur testamentarju;  inħatar amminstratur tal-beni soġġetti għall-użufrutt u amministratur ta' l-ishma tal-werrieta, iżda biss "*during the minority or in case of incapacity of any of the said heirs*".

Illum għad ma hux magħruf min huma l-werrieta, għax għadha ma seħħitx il-kondizzjoni sospensiva tal-mewt ta' l-użufruttwarji skond il-ħames artikolu tat-testment. Għalhekk il-werrieta għad ma għandhomx il-*facultas agendi*, u, sakemm għadhom taħt din l-inkapaċità, it-testment jaħseb għal amministratur li jista' jmexxi f'isem il-wirt. Il-kawża għalhekk saret sew mill-amministratur.
Għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel eċċezzjoni, dwar nuqqas ta' personalità legali u nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva tal-wirt, hija miċħuda.
Il-qorti għalhekk tordna li jitkompla s-smigħ tal-kawża. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tallum iħallsuhom il-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------